Illi l-intimata inkarigat lill-mittenti sabiex jesegwixxu diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni u dan versu s-somma ta' €46,000 hekk kif jidher mill-ftehim;

Illi, fuq struzzjonijiet tal-Perit Winston Muscat, il-mittenti kellhom jesegwixxu divesi xogħlijiet ulterjuri fosthom l-inklużjoni ta' materjal tal-ħadid, liema xogħol ammonta għal €57,830.01 hekk kif jidher mir-rapporti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B;

Illi l-intimata kienet diġà ħallset is-somma ta' €7,000 a favur tal-mittenti u għaldaqstant il-bilanċ rimanenti u dovut mill-intimata jammonta għal €50,830.01;

Illi minkejja li l-intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont dovut, hija baqgħet inadempjenti;

Illi l-mittenti qegħdin jinterpellawk sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem min-notifika ta' din l-ittra ġudizzjarja inti tersaq għal ħlas ta' €50,830.01 inkluż l-ispejjez tal-preżenti;

Illi l-istess jinformawk li f'każ illi t-terminu lilek mogħti jgħaddi inutilment, huma ma jkollhom ebda aternattiva oħra għajr li jipproċedu ulterjorment fil-konfront tiegħek bil-mezzi kollha li trid il-liġi.

By means of a decree of the 17th November, 2023, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2839/2023, in the names James Charles Schembri et vs Ramona Muscat, the following publication for the purpose of service on the respondent Ramona Muscat was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th June, 2023

To Ramona Muscat (ID 283972M) of Fl 3, Dajenu, 60, Triq Mikiel Calleja, Ħal Tarxien

By the present judicial letter, James Charles Schembri (ID 858451M) and Charlo Farrugia (ID 394077M), make reference to the agreement dated 20th April, 2022 (the Agreement) which is here attached and marked as Doc. A;

That the respondent appointed the interpellants to carry out various construction works and this towards the sum of €46,000 as appears from the agreement;

That, as instructed by Architect Winston Muscat, the interpellants had to carry out various further works amongst which the inclusion of iron material, which work amounted to €57,830.01 as appears from the reports here attached and marked as Doc. B;

That the respondent had already paid the sum of €7,000 in favour of the interpellants and thus the remaining balance due by the respondent amounts to €50,830.01;

That although the respondent was solicited several times to pay the amount due, she remained in default;

That the interpellants call upon you so that within five (5) days from the service of this judicial letter you come forward for the payment of €50,830.01 including the costs of the present;

That the same informs you that in case the time given to you passes uselessly, they will have no alternative but to proceed further against you by all the means permitted by law.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u biex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Din l-ittra qiegħda ssir senjatament, iżda mhux limitatament għall-iskopijiet ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ai termini tal-Kap 12 u Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u interessi legali

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 12 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourself and to avoid useless costs and procedures.

This letter is being made especially, but not limitedly for the purposes of interruption of prescription and in terms of Chapter 12 and Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interest

Registry of the Superior Courts, today 12th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

110

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Jannar, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2950/2023, fl-ismijiet GasanZammit Motors Limited vs Giovanni Di Gregorio, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Giovanni Di Gregorio a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Giovanni Di Gregorio (KI 152706A) ta' 97, Seapoint, Flat 2, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Baħar, fit-13 ta' Ottubru, 2023, GasanZammit Motors Limited (C57642) ta' Gasan Centre, Mrieħel By Pass, Birkirkara:

1. Tagħmel referenza għall-ammont ta' €1,304.14 fuq disa' kambjali minnek debitament aċċettati u elenkati fid-dokument anness u mmarkat GZM 1 u liema ammont huwa skadut u mhux imħallas (kopja tal-kambjali hawn annessa u mmarkata bħala dokument GZM 2) oltre l-imgħax mill-iskadenza tal-bilanċ fuq l-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv; u

2. tinterpellakom sabiex fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika lilkom tal-preżenti, tħallsu s-somma ta' €1,304.14 rappreżentanti pendenzi fuq il-kambjali indikati oltre l-imgħax minnkom dovut mill-iskadenza tal-bilanċ fuq l-imsemmija kambjali sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas, is-soċjetà mittenti se tipproċedi kontrik ulterjorment, mingħajr ebda preavviż ieħor u bil-mezzi kollha permessi mil-liġi inkluż il-ħruġ ta' mandati opportuni.

Din l-intima qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u sabiex l-imsemmija kambjali jiġu reżi eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tal-preżenti, int qiegħed tiġi avżat a tenur tal-artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt tiegħek li fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tal-preżenti, tramite rikors, topponi l-esekuzzjoni tal-kambjali

By means of a decree on the 3rd January, 2024, in the records of the judicial letter number 2950/2023, in the names GasanZammit Motors Limited vs Giovanni Di Gregorio the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Giovanni Di Gregorio in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Giovanni Di Gregorio (ID 152706A) of 97, Seapoint, Flat 2, Triq Sir Luigi Preziosi, St Paul's Bay, on the 13th October, 2023, GasanZammit Motors Limited (C57642) of Gasan Centre, Mrieħel By Pass, Birkirkara:

1. makes reference to the amount of €1,304.14 on nine bills of exchange duly accepted by you and listed in the attached list as GZM 1, and which amount is due and has not been paid (copies of these bills of exchange are herewith attached and marked as document GZM 2) together with interest from the date when the aforementioned balance fell due on the bills of exchange till the effective payment; and

2.solicits you so that within ten (10) days from the day you are notified with this present, you pay the sum of €1,304.14 representing the balance on the said bills of exchange besides the interest due by you from the aforementioned balance fell due on the bills of exchange till the effective payment.

In default the interpellant company will furtherly proceed against you, without further notice, and with all the means given by law including the issue of the opportune warrants.

This letter is being made for all the purposes and effects of law and to render the same bills of exchange an executive title in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of this present, you are informed, that in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta, you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose

hawn fuq imsemmija a bażi tal-fatt li l-firem fuq l-istess ma jappartjenux lilek jew lill-mandatarju tiegħek jew għal raġunijiet oħra gravi u validi sabiex topponi tali esekuzzjoni skont il-liġi.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 12 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the execution of these bills of exchange above mentioned on the fact that the signatures on the same do not belong to your or those of your mandatory or for other grave and valid reasons to oppose such execution according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs, including this present, and with interest according to law till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 12th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

111

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Mejju, 2023, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4301/2022 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs William Thomas Ferrand, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil William Thomas Ferrand (667728504) ta' 78, Pricewatercoope, Mill Street, Ħal Qormi, Malta, fit-12 ta' Ottubru, 2022, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Dipartiment tat-Taxxi Interni, Il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €60.059 kwantu għal €47,799 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2016 u kwantu għal €12,260 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-Avviż/Talba għall-Ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq ċitat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa ser jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 12 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 4th May, 2024, given by the First Hall of the Civil Courts, in the records of the judicial letter number 4301/2022, in the names Commissioner of Revenue vs William Thomas Ferrand, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against William Thomas Ferrand (667728504) of 78, Pricewatercoope, Mill Street, Ħal Qormi, Malta, on the 12th October 2022, Commissioner of Revenue of Department of Inland Revenue, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €60,059 as for the amount of €47,799 representing the tax from the income and provisional tax for the years of assessment 2016 and as for €12,260 as additional tax and interest according to the Notice/Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

As you failed to pay the amount due the interpellant notwithstanding the request for payment (see the same Doc A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time given he will proceed for the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Tax Administration.

Pay the costs of this act

Registry of the Superior Courts today 12th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

112

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2023 fuq talba ta' Wayne Mifsud et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Veneranda Camilleri fl-atti taċ-ċedola numru 463/2023 fl-ismijiet Wayne Mifsud et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattiv u sussegenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 463/2023 ta' Wayne Mifsud, self-employed, ġuvni, bin Rocco Mifsud u Nathalie Mifsud née Gauci, imwieled Tal-Pietà fil-11 ta' Diċembru, 1991, u residenti 8, Triq it-Turretta, Santa Venera (KI 9892M) flimkien ma' Owen Mifsud, self-employed, ġuvni, bin Rocco Mifsud u Nathalie Mifsud née Gauci, imwieled Ħ'Attard fl-4 ta' Novembru, 1979, u residneti appartament 16, Tulip Court, Triq Vincenzo Caruana, Iż-Żurrieq (KI 565378M) vs Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu ta' Veneranda Camilleri, armla minn Gaetano Camilleri, bint Lorenzo Zammit u Concetta née Falzon, imwielda u ġja residenti ż-Żurrieq, preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Marzu 2023, fejn Wayne Mifsud et esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti jippossjedu l-biċċa art diviża fiż-Żurrieq b'faċċata fuq Triq San Martin kantuniera ma' Triq l-Indipendenza, tal-kejl ta' ċirka 196mk (li minnhom mhux anqas minn 154mk huma building area mingħajr front garden u l-kumplament huma destinati għal front garden), b'aċċess garantit, mhux interrott u in perpetwu mill-istess toroq, konfinanti mit-Tramuntana ma' Triq San Martin, mill-Majjistral ma' Triq l-Indipendenza u mil-Lvant ma' beni tal-aventi kawża ta' Vincent Vella jew irjieħ verjuri, inkluż l-arja sovrastanti u inkluż is-sottoswol, kif murija fuq is-site-plan hawn annessa bħala Dok. A u dan kif aħjar deskritt fl-att ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dott. Jean Carl Debono fit-30 ta' Ġunju, 2022, Dok. B;

Illi in forza tal-imsemmi att datat 30 ta' Ġunju, 2022, l-espoennti akkwistaw l-imsemmi art mingħand il-Perit Anthony Zammit u martu Margaret Zammit (KI 119352M u 8559M rispettivament);

Illi min-naħa tagħhom Anthony u Margaret, konjuġi Zammit akkwistaw l-immobli mingħand Emanuel Zammit (KI 762154M) in forza ta' att ta' donazzjoni ppubblikat min-Nutar Dott. Anthony Abela tas-27 ta' Mejju, 2021, Dok. C;

Illi min-naħa tiegħu Emanuel Zammit akkwista l-immobli mingħand Anthony Zammit in forza ta' att ta' donazzjoni ppubblikat min-Nutar Dott. Joseph Raphael Darmanin tad-29 ta' Awwissu, 1983, Dok. D;

Illi min-naħa tiegħu Anthony Zammit akkwista l-immobli mingħand ir-Reverendu Dun Leonard Mallia in forza ta' att ippubblikat min-Nutar Dott. Joseph Raphael Darmanin tal-4 ta' Frar, 1977, Dok. E, f'liema att l-immobli hu deskritt

By means of a decree given by this Court on the 13th March, 2023, following a request by Wayne Mifsud et vs Deputy Curators to represent the successors in title of Veneranda Camilleri in the records of the schedule of deposit number 463/2023 in the names Wayne Mifsud et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 463/2023 in the names of Wayne Mifsud, self-employed, bachelor, son of Rocco Mifsud and Nathalie Mifsud nee Gauci, born in Pieta on the 11th December, 1991, and residing at 8, Triq it-Turretta, Santa Venera (KI 9892M) together with Owen Mifsud, self-employed, bachelor, son of Rocco Mifsud and Nathalie Mifsud nee Gauci, born in Ħ'Attard, on the 4th November, 1978, and residing at appartment 16, Tulip Court, Triq Vincenzo Caruana, Żurrieq (KI 565378M) vs Deputy Curators to represent the successors in title of Veneranda Camilleri, widow of Gaetano Camilleri, daughter of Lorenzo Zammit and Concetta nee Falzon, born and previously resided in ŻZurrieq, filed in the First Hall of the Civil Court on the 9th March, 2023, the applicants Wayne Mifsud et respectfully submitted:

That the applicants possess the divided plot of land in Żurrieq with a facade on Triq San Martin corner with Triq L-Indipendenza, measuring about 196 sq m (of which not less than 154 sq m are building area without front garden and the rest are destined for front garden, with guaranteed, uninterrupted and perpetual access from the same streets, bounded on the north by Triq San Martin, on the northwest by Triq l-Indipendenza and on the east by property of the successors in title of Vincent Vella or more precise boundaries, including the overlying airspace and including the subsoil, as shown on the site plan here attached as Doc. A and this as better described in the deed of sale published by Notary Dr Jean Carl Debono on the 30th June, 2022, Doc. B;

That in virtue of the said deed dated 30th June, 2022, the applicants acquired the said land from Architect Anthony Zammit and his wife Margaret Zammit (ID 119352M and 8559M respectively);

That on their part Anthony and Margaret, spouses Zammit acquired the immovables from Emanuel Zammit (ID 762154M) in virtue of a deed of donation published by Notary Dr Anthony Abela dated 27th May, 2021, Doc. C;

That on his part Emanuel Zammit acquired the immovable from Anthony Zammit in virtue of a deed of donation published by Notary Dr Joseph Raphael Darmanin of the 29th August, 1983, Doc. D;

That on his part Anthony Zammit acquired the immovable from Reverend Dun Leonard Mallia in virtue of a deed published by Notary Dr Joseph Raphael Darmanin of the 4th February, 1977, Doc. E, in which deed the immovable is

bħala suġġett għal €1.17 ekwivalenti għal Lm0.50 ċens annwu u perpetwu;

Illi min-naħa tiegħu r-Reverendu Dun Leonard Mallia akkwista l-immobli b'enfitewsi perpetwa mingħand Veneranda Camilleri in forza ta' att ippubblikat min-Nutar Dott. Franco Pellegrini tal-14 ta' April, 1972, Dok. F;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan l-istess ċens u illi għalhekk jammonta għal €29.25.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw l-ammont globali ta' €36.27 rappreżentanti €5.85 arretrati ta' ħames snin ċens, €1.17 rappreżentanti ħlas ta' lawdemju u l-imsemmi ammont ta' €29.25 prezz ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija biex jiġi mogħti liberament lis-sidien, wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: 8, Triq it-Turretta, Santa Venera

Notifiki: Direttur Reġistru Pubbliku, 197, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 13 ta' Marzu, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

described as subject to €1.17 equivalent to Lm0.50 annual and perpetual groundrent;

That on his part Reverend Dun Leonard Mallia acquired the immovable by perpetual emphyteusis from Veneranda Camilleri in virtue of a deed published by Notary Dr Franco Pellegrini of the 14th April, 1972, Doc. F;

That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them by Article 1501 of the Civil Code and redeem this same groundrent and thus amounts to €29.25.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the global amount of €36.27 representing €5.85 arrears of five years groundrent, €1.17 representing the payment of laudemium and the said amount of €29.25 price of this annual and perpetual groundrent regarding the immovable above mentioned to be freely given to the owners, after leaving the due receipt.

Applicants: 8, Triq it-Turretta, Santa Venera

Notification: Director Public Registry, 197, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 13th March, 2023

Registry of the Superior Courts, today 12th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

113

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-12 ta' Settembru, 2023, Rikors numru 1612/2023, minn Josette

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th September, 2023, Application number 1612/2023, by Josette Cutajar et

Cutajar et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmen Brincat née Micallef fi kwota ta' disa' partijiet minn erbgħin (9/40) indiviżi; favur Jane Peel née Micallef fi kwota ta' disa' partijiet minn erbgħin (9/40) indiviżi, Josette Cutajar née Micallef, fi kwota ta' disa' partijiet minn erbgħin (9/40) indiviżi, favur Kimberly Pace fi kwota ta' disa' partijiet minn tmenin (9/80) indiviżi, favur Lisa Marie Busuttil fi kwota ta' disa' partijiet minn tmenin (9/80) indiviżi u favur Maria Doris Micallef née Mifsud inkwantu għas-sema ta' deċima (1/10) parti indiviża kif ukoll fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviż tal-użufrutt is-suċċessjoni ta' Vittorio Micallef, żewġ Maria Dolores Micallef née Mifsud, bin il-mejtin Enrico Micallef u Carmela Micallef née Calleja, imwieled Il-Belt Valletta, Malta, kien residenti l-Marsa, Malta, u miet Tal-Pietà, Malta, fit-23 ta' Ġunju, 2003, ta' 68 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0704134M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 12 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

whereby they requested that it be declared open in favour of Carmen Brincat née Micallef in the quota of nine parts of forty (9/40) undivided share; in favour of Jane Peel née Micallef in the quota of nine parts of forty (9/40) undivided share; in favour of Josette Cutajar née Micallef in the quota of nine parts of forty (9/40) undivided share; in favour of Kimberly Pace in the quota of nine parts of eighty (9/80) undivided share; in favour of Lisa Marie Busuttil nine parts of eighty (9/80) undivided share and in favour of Maria Doris Micallef née Mifsud as for one tenth (1/10) undivided share and also the one half (1/2) undivided share of the usufruct the succession of Vittorio Micallef, husband of Maria dolores Micallef née Mifsud, son of the late Enrico Micallef and Carmela Micallef née Calleja, born in Valletta, Malta, resided in Marsa, Malta and died in Tal-Pietà, Malta, on the 23rd June, 2003, aged 68, and who held identity card number 0704134M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 12th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

114

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Diċembru 2023, Rikors numru 1960/2023, minn Josette Pullicino fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Josette Pullicino u Gaetano Calleja ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Maria Calleja, armla ta' Giuseppe Calleja, bint il-mejtin Giuseppe Muscat u Carmela Muscat née Zammt, imwielda r-Rabat, kienet residenti Fgura, Malta u mietet l-Imsida, Malta fis-27 ta' Lulju 2023 ta 90 sena u li kellha karta tal-identità bin-numru 580932(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th December, 2023, Application number 1960/2023, by Josette Pullicino whereby she requested that it be declared open in favour of Josette Pullicino and Gaetano Calleja children of the decujus in equal share between them the succession of Maria Calleja, widow of Giuseppe Calleja, daughter of the late Giuseppe Muscat and Carmela Muscat née Zammit, born in Rabat, resided in Fgura, Malta and died in Imsida, Malta on the 27th July 2023 aged 90 and who held identity card number 580932(M).

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum, 12 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 12th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

115

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Diċembru, 2023, Rikors numru 1962/2023, minn Emanuel Zammit et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Emanuel Zammit u Maria Victoria sive Vivienne sive Victoria Zammit, ġenituri tad-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż bejniethom u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Georgina sive Georgette Zammit oħt id-decujus is-suċċessjoni ta' Josette Zammit, xebba, bint Emanuel Zammit u Victoria Zammit nee Zammit , imwielda San Ġiljan, kienet residenti n-Naxxar, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fil-11 ta' Novembru, 2023, ta' 44 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 428478M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th December, 2023, Application number 1962/2023, by Emanuel Zammit et whereby they requested that it be declared open in favour of Emanuel Zammit and Maria Victoria sive Vivienne sive Victoria Zammit, parents of the decujus, in the quota of one half (1/2) undivided share between them and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Georgina sive Georgette Zammit, sister of the decujus the succession of Josette Zammit, unmarried, daughter of the Emanuel Zammit and Victoria Zammit nee Zammit, born in St Julian's, resided in Naxxar, Malta, and died in Msida, Malta, on the 11th November, 2023, aged 44, and who held identity card number 428478M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 12 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 12th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

116

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-għaxra (10) ta' Jannar, 2024 (Digriet numru 9/2024BS, wara Rikors numru 106/2022BS) ġiet ikkonfermata interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Rita Galea, pensjonanta, bint il-mejtin Dominic Galea u Josephine née Agius, imwielda x-Xagħra, Għawdex, fit-22 ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija u erbgħin (1940) u residenti ġewwa Dar Sant'Anna, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (karta tal-identità 49640G).

Itis hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the ten (10th) of January of the year 2024 (Decree number: 9/2024BS following application number 106/2023(BS) Rita Galea, pensioner, daughter of the late Dominic Galea u Josephine née Axiak, born in Xaghra, Gozo, on the twenty-second (22nd) of June of the year one thousand, nine hundred and fourty (1940), and resides in Dar Sant'Anna, Gozo General Hospital, holder of identity card number 49640G, has been confirmed interdicted from all acts of civil life.

Louis Bajada, pensjonant, bin Anthony Bajada u Jane Bajada née Galea, imwieled ir-Rabat, Għawdex, u residenti x-Xagħra, Għawdex (karta tal-identità numru 60860G) ġie bl-istess digriet nominat kuratur tagħha.

Louis Bajada, pensioner, son of Anthony Bajada u Jane Bajada née Galea, born in Victoria, Gozo, and resides in Xagħra, Gozo, holder of identity card number 60860G, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Voluntary Jurisdiction

Illum 15 ta' Jannar, 2024

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

This 15th of January, 2024

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

117

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-22 ta' Novembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 515/2023MH, li ġie ppreżentat fit-12 ta' Ottubru 2023, fl-ismijiet: Flask Jane vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 22nd November, 2023, in the records of Constitutional Application number 515/2023MH, which was presented on the 12th October 2023, in the names: Flask Jane vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent State Advocate to pay the same compensation and liquidated damages in terms of law. With all costs and legal interest against the respondents from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Jannar, 2024, fid-9.30 a.m.

The Constitutional application in the names mentioned above is postponed to 19th January, 2024, at 9.30 a.m.

Notifika Intimat: Spiteri Doris. 71, Santa Tereża, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Żabbar.

Notify respondent: Spiteri Doris. 71, St. Theresa, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni, Żabbar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Jannar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 15th January, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

118

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fis-7 ta' Diċembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 332/2023AB, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet: Grech Philip Perit vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, iħallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji likwidati. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction on the 7th December, 2023, in the acts of Constitutional Application number 332/2023AB, which was presented on the 15th June, 2023, in the names: Grech Philip Perit vs Avukat tal-Istat et, the following publication was ordered pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the State Advocate to pay the same compensation and liquidated pecuniary and non-pecuniary damages. With all the costs and legal interest, against the respondents.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-13 ta' Frar, 2024, fid-9.10 a.m.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 13th February, 2024, at 9.10 a.m.

Notifika Intimat: Rapa Rosaria, 48, Joe, Triq San Aristarkus, San Pawl il-Baħar

Notification Respondent: Rapa Rosaria, 48, Joe, Triq San Aristarkus, St Paul's Bay

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Diċembru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Register of the Superior Courts, today 20th December, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

119

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 598/2023DC1, li ġie ppreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2023, fl-ismijiet: Pulo Matthew vs Mizzi John, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' sitta u għoxrin elf, tliet mija u sebgħin ewro (€26,370) lill-esponent. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-konvenut, minn issa inġunt in subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 10th October, 2023, in the acts of the Sworn Application number 598/2023DC1, which was presented on the 13th June, 2023, in the names: Pulo Matthew vs Mizzi John, the following publication was ordered pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendant to pay the amount of twenty-six thousand, three hundred and seventy euro (€26,370) to the plaintiff. With all costs and legal interest against the defendant, summoned so that a reference to his evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar l-20 ta' Frar, 2024, fid-9.00 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 20th February, 2024, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Mizzi John, Giannina, Triq Tal-Barrani, Iż-Żejtun

Notification Respondent: Mizzi John, Giannina, Triq Tal-Barrani, Żejtun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Jannar, 2024

Register of the Superior Courts, today 4th January, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

120

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Diċembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 388/2020AB, li ġie ppreżentat fl-4 ta' Ġunju, 2020, fl-ismijiet: Stagno Joseph vs Debattista Ruskol Rosanne, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma hekk likwidata fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimata inġunt għas-subizzjoni.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 11th December, 2023, in the acts of Sworn Application number 388/2020AB, which was presented on the 4th June, 2020, in the names: Stagno Joseph vs Debattista Ruskol Rosanne, was ordered the following publication pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the sum thus liquidated in a short and peremptory time. With all costs and legal interest against the respondent who is now summoned so that a reference to her evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-5 ta' Marzu, 2024, fid-9.00 a.m.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 5th March, 2024, at 9.00 a.m.

Notifika Intimat: Debattista Ruskol Rosanne, 30, La Hacienda, Triq il-Mużika, L-Iklin

Notification Respondent: Debattista Ruskol Rosanne. 30, La Hacienda, Triq il-Mużika, Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Jannar, 2024

Register of the Superior Courts, today 3rd January, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*